MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 16/2024 LM

**Joseph Micallef (K.I. nru. 171164(M)) u**
**Lawrence Micallef (K.I. 102068(M))**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Petroni Limited (C 18602)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Petroni Limited (C 18602)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Settembru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha

ddeċieda t-talba tar-rikorrenti **Joseph Micallef (K.I. nru. 171164(M))** u **Lawrence Micallef (K.I. nru. 102068(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], fil-konfront tagħha, kif ġej:

> *"Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħames mija u disgħa u disghin Ewro (€599) fi żmien ġimgħa mil-lum b'dan illi s-soċjetà intimata jkollha d-dritt tiġbor il-magna mingħand ir-rikorrenti fi żmien ġimgħa mil-lum u fin-nuqqas ir-rikorrenti jkunu jistgħu jiddisponu minnha.*
>
> *L-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-intimata."*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw magna tal-ħasil tad-ditta *Haier* li nxtrat mill-appellati mingħand is-soċjetà appellanta fil-21 ta' Jannar, 2021, bil-prezz ta' ħames mija disgħa u disgħin Euro (€599). Għall-ħabta ta' Ġunju 2021 din allegatament żviluppat diversi ħsarat, hekk kif kienet koperta bil-garanzija maħruġa mis-soċjetà appellanta, u għalkemm din għamlet diversi tiswijiet fuqha, l-ilma xorta waħda baqa' jfur minn taħt il-kexxun tagħha.

**Mertu**

3. L-appellati għalhekk ippreżentaw Avviż tat-Talba quddiem it-Tribunal fid-19 ta' Jannar, 2022, fejn talbu li jingħataw il-flus lura jew magna ġdida minflok dik li kienu xtraw mingħand is-soċjetà appellanta.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-17 ta' Marzu, 2022, fejn spjegaw għaliex il-magna tal-ħasil kienet qiegħda taħdem kif allegat, filwaqt li rrilevaw li din kienet qiegħda tintuża kuljum mill-appellati għall-ħasil tal-ħwejjeġ.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra s-segwenti.*

*Illi bil-ġurament tagħhom l-aħwa Micallef irribattew dak allegat mis-soċjetà intimata u saħqu dan li ġej riprodott:*

1. "Mhu veru xejn li s-sapun qed jintefa' fil-kompartament tat-tlaħiħ, kif ra Petroni stress meta ġie biex jara x'inhu jsir. Huwa stress meta kien id-dar għandna ċempel lil xi ħadd fil-Kumpannija Petroni u qalilhom u kkonferma li s-sapun qed jintefa' fil-kompartament it-tajjeb;
2. Ir-rawgħa baqgħet toħroġ mill-kexxun, anke meta tnaqqset il-kwantità tas-sapun. Jiġifieri mhux mis-sapun;
3. MHU XEJN VERU li aħna qed nagħmlu dan kollu għax ma rridux il-magna ''peress li magna ta' tnax-il kilo hija kbira ħafna għal żewġt min-nies u b'hekk jixtiequ magna iżgħar." (kwotazzjoni mill-ittra ta' Petroni Ltd). Kieku ma rriduhiex ma konniex nixtruha dak id-daqs! Petroni Ltd għandu jgħid li fl-ewwel ittra li bgħatna bl-ilment tagħna, ittra li ġġib id-data tas-27 ta' Settembru 2021 (kopja mehmuża), aħna tlabnieh ''biex ittina l-flus lura, jew ittina magna ġdida Haier imma ta' 10kgs" għar-raġuni li jekk il-konsenja ta' tnax-il kilo kienet difettuża kien ser jiġrilna l-istess ħaġa. Petroni Ltd kien ser imur minn fuq u mhux minn taħt kieku tana waħda ta' 10 kilos minflok din! Aħna ma konniex ser nitolbu l-flus tad-differenza."

*Illi min-naħa l-oħra, għas-soċjetà intimata xehed Edwin Petroni li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-aħwa Micallef kienu qed jużaw programmi ħżiena għal-*loads *li kienu qed jagħmlu u għalhek ma kienux qed jużawha kif suppost. Illi bdew jitfgħu*

*wisq sapun u insista li l-aħwa Micallef riedu wkoll effettivament jibdlu l-magna għall-waħda iżgħar.*

***Kunsiderazzjonijiet ulterjuri***

*Illi invista tal-verżjonijiet kunfliġġenti mogħtija mill-partijiet fil-kawża, fuq talba tas-soċjetà intimata ġie maħtur l-espert tekniku Alan Ciantar sabiex jeżamina l-magna inkwistjoni.*

*Illi r-rapport tal-espert tekniku datat 24 ta' Frar, 2024 jgħid illi:*

'Before powering on the machine I gave a general mechanical search that I did not find anything wrong. After that I tried to power on the machine and unfortunately I discovered that the machine has an electronic fault that could not function unless the inverter module is replaced.

Therefore I could not try the machine while on a cycle to prove the request of over foaming made by Mr. Joseph Micallef.'

*Illi huwa evidenti mir-rapport tekniku tal-istess espert maħtur mis-soċjetà intimata, il-magna in kwistjoni hija milquta minn difett tant serju li ma tistax tintuża għall-iskop mixtrija. Illi jidher ċar mill-evidenza prodotta li mhux biss dan id-difett tqajjem waqt il-perijodu tal-garanzija iżda l-aħwa Micallef kienu ilhom mill-bidu nett li ġibdu l-attenzjoni tas-soċjetà intimata li l-magna ma kienetx qegħda taħdem sewwa.*

*Illi għalhekk it-Tribunal m'għandux għażla ħlief li jgħaddi sabiex jilqa' t-talba tar-rikorrenti."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Settembru, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

*"...prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet , 'Joseph u Lawrence Micallef vs Petroni Limited' datata d-9 ta' Settembru 2024 u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tar-rikorrenti appellati."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal m'għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi, u straħ fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux ġew issollevati mill-appellati fl-Avviż tat-Talba tagħhom.

7. L-appellati wieġbu fit-28 ta' Ottubru, 2024, fejn issottomettew li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal ikkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellati.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li t-Tribunal m'għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi li tressqu quddiemu. Tinsisti li minflok huwa straħ fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux ġew issollevati mill-appellati fl-Avviż tat-Talba tagħhom. Filwaqt li tiċċita dak li qal l-espert tekniku fir-rapport tiegħu, tirrileva li l-ilmenti tal-appellati li saru magħha kienu jirrigwardaw ir-ragħwa li kienet qiegħda toħroġ mill-magna tal-ħasil, filwaqt li l-espert tekniku stqarr fir-rapport tiegħu li *"I could not try the machine while on a cycle to prove the request of over foaming made by Mr. Joseph Micallef".* Is-soċjetà appellanta tirrileva li r-rapport tekniku sar tliet snin wara li l-magna tal-ħasil inxtrat mingħandha, u għalhekk wara li skadiet il-garanzija favur l-appellati, li wara kollox qatt ma lmentaw mill-problema li sab l-espert tekniku. Tgħid li madankollu t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni mingħajr ma qies il-provi kollha li kienu tressqu quddiemu.

10. L-appellati qabel xejn jissottomettu li l-ġurisprudenza tgħallem li qorti ta' reviżjoni ma twarrabx faċilment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel qorti. Għal dak li jirrigwarda l-aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellati jinsistu li l-Qorti għandha tistabbilixxi jekk il-problema li huma kienu qegħdin jilmentaw dwarha kinitx wasslet għall-ħsara fl-*inverter module* tal-magna tal-ħasil. Huma jagħmlu riferiment għall-artikolu 73 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u jissottomettu li jirriżultaw suffiċjentement dawk il-fatti li għandhom iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma d-deċiżjoni appellata.

11. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun. Jirriżulta li t-Tribunal ikkunsidra mill-ewwel il-ħsara fil-magna tal-ħasil li kienet ġiet ikkonstatata mill-espert tekniku, liema ħsara ma kinitx ippermettietlu li jixgħel il-magna tal-ħasil għall-fini tal-ispezzjoni tiegħu. Tagħraf li l-imsemmija ħsara ma kinitx tagħmel parti mill-ilment tal-appellati, iżda t-Tribunal xorta waħda għadda sabiex iddeċieda l-Avviż tat-Talba billi kkunsidra li din kienet tikkostitwixxi difett serju biżżejjed, tant li ma ppermettietx l-użu tal-magna tal-ħasil skont l-iskop li għaliha nxtrat. Il-Qorti tikkunsidra li b'hekk it-Tribunal naqas milli jiddeċiedi l-ilment tal-appellati skont il-parametri stabbiliti fl-Avviż tat-Talba, u minflok issolleva kwistjoni li huma qatt ma kienu ressqu quddiemu. Tgħid li bil-mod kif huwa ddeċieda, it-Tribunal ċaħħad lis-soċjetà appellanta mill-opportunità li tiddefendi ruħha skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u kif kien opportun.

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell odjern, u tħassar id-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-appellati u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur-**